# QORTI TA' L-APPELL

**IMHALLFIN**

**ONOR. JOSEPH D. CAMILLERI B.A., LL.D.**
**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**
**ONOR. FRANCO DEPASQUALE B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 24 ta' Mejju, 2002.**

**Numru 3**

**Citaz. numru 31/97 NA**

**Café Bar (Malta) Limited**

**vs**

**Alfred Caruana**

**Il-Qorti;**

**<u>PRELIMINARI : IC-CITAZZJONI ATTRICI</u>**

1. B'citazzjoni pprezentata fit-8 ta' Jannar 1997 is-socjeta' appellaat ippermettiet :-

"Illi l-konvenut applika biex jidhol impjegat mas-socjeta' attrici u l-istess socjeta' attrici accettat li timpjegah – tant li anke ghamlet l-arrangamenti kollha li kien hemm bzonn sabiex il-konvenut jitla' l-Olanda ma' l-attur nomine u fil-fatt tela' l-Olanda u wara li gie lura mill-Olanda l-konvenut

iddecieda li ma jitlaqx mill-impjieg li kellu u jidhol jahdem mas-socjeta' attrici ;

Illi s-socjeta' attrici dahlet fi spejjez konsiderevoli meta tellghet lill-konvenut l-Olanda ammontanti ghal Lm1175, li minnhom il-konvenut hallas is-somma ta' Lm100 – skond ma jirrizulta mill-anness prospett ;

Illi l-konvenut gie interpellat ihallas dan l-ammont bilancjali u l-employer tieghu accetta li jhallas hu tali spejjez pero' l-konvenut baqa' inadempjenti w anzi qieghed jippretendi li s-socjeta' attrici ma ghandhiex ebda kreditu kontra tieghu ;

TALBET li din il-Qorti :-

1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni lilha kagunati minhabba l-inadempjenza tieghu ;

2. Tillikwida dawn id-danni fl-ammont ta' Lm1175, jekk hemm bzonn bl-opera ta' periti nominandi ;

3. Tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur nomine s-somma bilancjali ta' Lm1075 dovuta bhala rifuzjoni tal-flejjes sborsati mill-attur nomine fl-interess tal-konvenut u kumpens ghad-danni minnu kagunati

lis-socjeta' attrici – kollox skond kif intqal fuq u ghar-ragunijiet fuq premessi.

Bl-imghax legali tat-8% mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra legali kontra l-konvenut."

**IL-KONTUMACJA TAL-KONVENUT**

Il-konvenut appellant, debitament notifikat fil-11 ta' Settembru 1997 ghamel l-eccezzjonijiet tieghu wara l-perjodu stipulat fil-ligi. Fis-seduta tat-13 ta' Novembru 1997 l-ewwel Qorti giet infurmata li l-kawza setghet tigi tranzatta u ghalhekk ma ttiehed ebda provvediment dwar it-tardivita' ta' l-eccezzjonijiet. Fis-seduta tal-11 ta' Dicembru 1997, invece, il-Qorti giet infurmata illi t-transazzjoni ma sehhitx u ntalab l-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Il-Qorti pprovdiet billi, filwaqt li nnominat lill-Assistenta Gudizzjarji Dr. Mariella Gonzi biex tigbor il-provi, tat zmien lill-konvenut biex permezz ta' rikors jiggustuifika t-tardivita' tieghu.

Illi, wara li l-Qorti regghet giet infurmata li t-transazzjoni ma sehhitx, u in vista tal-fatt li r-rikors fuq imsemmi ma sar qatt, fis-seduta tas-26 ta' Mejju 1999 laqghet it-talba ghall-isfilz tan-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenut. Akkordat pero' zmien lill-istess konvenut biex jipprezenta nota kif ikkontemplata fis-sub-artikolu (10) ta' l-Artikolu 158 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta in difiza tieghu kontra t-talbiet attrici.

Ezami nfatti tal-prospettipprezentat mill-istess attrici jwassal lill-Qorti ghal dawn il-konkluzjonijiet :

1. L-ispiza ghall-avvizi fil-gazzetti hija precedenti ghall-ftehim li sar mal-konvenut u huwa ma ghandux x'jaqsam maghha ;

2. L-ispiza ghas-sosta ta' rapprezentant tas-socjeta' attrici ma giet bl-ebda mod spjegata. Biex tigi akkolta din it-talba jrid jigi ppruvat li dina saret direttament u necessarjament in konnessjoni mal-ftehim mal-konvenut. Din il-prova ma saritx.

**IS-SENTENZA TA' L-EWWEL QORTI**

3. L-ewwel Qorti ghalhekk iddecidiet il-kawza billi :-

(i) Iddikajrat lill-konvenut appellant responsabbli ghad-danni kkagunati lis-socjeta' appellata minhabba l-inadempjenza tieghu ;

(ii) Illikwidat dawn id-danni fl-ammont ta' tlett mija u hames liri Maltin (Lm305).

(iii) Ikkundannat lill-konvenut appellant ihallas lis-socjeta' appellata s-somma hekk likwidata ta' Lm305 bhala rifuzjoni ta' flejjes sborzati mill-

attur nomine fl-interess tal-konvenut u in kumpens ghad-danni minnu kagunati lis-socjeta' attrici, u dana bl-imghax legali mil-lum.

## L-APPELL TAL-KONVENUT

4. Il-konvenut hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona appell sabiex dina l-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fl-intier taghha u dan fuq l-aggravju segwenti :-

(i) Meta l-appellant gie mhajjar mis-socjeta' appellata jitlaq mill-impieg li kellu u jaghmel zjara l-Olanda ma' dirigenti tal-istess socjeta' fuq xoghol konness man-negozju taghha, dan bl-ebda mod ma gie nfurmat jew imwissi li dik iz-zjara kienet ser torbtu mas-socjeta' appellata taht theddida li f'kaz li jerga lura mill-hsieb tieghu (kif kellu kull dritt li jaghmel) jerfa l-ispejjez tal-vjagg jew xi spejjez ohra relatiti ma' xi kors ta' preparazzjoni li kellu jaghmel sabiex jimpjega ruhu mal-istess socjeta'. Is-socjeta' appellata zgur kienet taf (jew kellha tkun taf) li kienet ghada ma stabbilietx relazzjoni guridika mal-appellant, pero' xorta wahda ghazlet li, minghajr l-ebda rbit jew impenn reciproku, tistiednu jaghmel kors barra minn Malta biex jigi mharreg ahjar fix-xoghol tas-socjeta' appellata.

(ii) Dato li ma kien hemm l-ebda rabta bejn il-partijiet u lanqas ftehim fis-sens li l-appellant kellu jirrimborsa l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' appellata f'kaz li ghazel li ma jimpjegax ruhu maghha, l-appellant kien

pienament liberu jaghzel li ma jimpjegax ruhu mas-socjeta' minghajr ma jsofri l-ebda konsegwenza pekunjarja. L-istess kien japplika ghas-socjeta' appellata li kieku kienet hi li, ghar-ragunijiet taghha u fl-esercizzju tad-dritt ta' ghazla moghti lis-sidien ta' negozji fis-sistema industrijali nostrana, ddecidiet li ma timpjegax lill-appellant. Xi dritt kein ikollu l-appellant li kieku kienet is-socjeta' appellata li, wara l-vjagg li ghamel fl-interess taghha, marret lura mill-pjanijiet li kellha u ma impjegatux? Li kieku l-Qrati taghna kellhom jibdew jaccettaw talbiet ghall-kumpens minn socjetajiet jew persuni li b'xi manjiera jinkorri spejjez fl-interess reciproku fil-fazi pre-kuntrattwali tar-relazzjoni taghhom (u meta d-dritt tal-ghazla libera jkun ghadu shih u mhux soggett ghar-restrizzjonijiet kuntrattwali jew legali), jinfethu l-bibien ghat-talbiet simili f'kull kamp kummercjali iehor u l-prassi ta' kif isir in-negozju Malta jinbidel ta' taht fuq.

(iii) Is-sistema guridika Maltija thaddan bi shih dan il-principju ta' liberta' ta' ghazla fil-kamp tal-impjiegi. Sakemm ir-relazzjoni ta' impjieg ma tigix krejata bil-formalitajiet kollha li tirrikjedi l-ligi (haga li l-partijiet qed jaqblu ma sehhitx fil-kaz odjern), sew is-sid sew l-impjegat potenzjali ghandhom id-dritt li jergghu lura mill-hsieb taghhom minghajr ma jsofru l-ebda forma ta' penali jew konsegwenza. Dan id-dritt jsib komfort espress fil-ligi taghna, senjalatament il-ligi li tirregola l-kondizzjonijiet tal-impjieg – anke li kieku l-appellant impjega ruhu formalment mas-socjeta' appellata dejjem kien ikollu d-dritt li jitlaq minn

xogholu waqt il-perjodu ta' "probation" u, sakemm ma jkunx jintlahaq ftehim bil-miktub fuq dan, is-sid ma kienx ikun jista' jitlob ir-rifuzjoni tal-flus li ikun nefaq in konsiderazzjoni tal-istess impjieg. Waqt li jkun ghaddej iz-zmien tal-"probation", ir-riskju tat-telf tal-impjieg huwa assolut peress li d-dritt tal-ghazla tas-sid jew tal-impjegat ukoll jibqa' assolut. Multo magis meta l-impjieg lanqas biss ikun beda.

(iv) Finalment, huwa sottomess li l-ewwel Qorti kellha tichad it-talbiet tas-socjeta' appellata anke fuq bazi perament legali. L-ewwel talba tac-citazzjoni attrici titlob lill-Qorti :

"tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni lilha kagunati minhabba l-<u>inadempjenza</u> tieghu" (sottlinear mizjud)

Galadarba ma kien hemm l-ebda relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, ma setghax ikun hemm ksur ta' ftehim minn naha tal-appellant u erga l-ebda inadempjenza. Il-kelma "inadempjenza" uzata fl-ewwel talba tac-citazzjoni tippresumi l-esistenza ta' obbligazzjoni da parte tal-appellant li ma gietx sodisfatta. Jekk bl-"inadempjenza", is-socjeta' appellata riedet tirreferi ghall-fatt li l-appellant ezercita d-dritt sacrosant tieghu li, ghar-ragunijiet tieghu personali jew xort'ohra, ma jimpjegax ruhu mas-socjeta' appellata, allura jew uzat il-kelma b'mod frivolu jew inkella verament (u erronjament) tahseb li l-pjanijiet prekuntrattwali taz-zewg partijiet jammontaw ghall-obbligazzjoni legali, haga li zgur ma kienux.

Ghalhekk, huwa umilment sottomess li l-ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex tiddikjara l-inadempjenza tal-appellant meta l-inadempjenza fis-sens legali tal-kelma ma kienx hemm.

Ghal dawn il-motivi l-appellant talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata u tichad it-talbiet tas-socjeta' appellata bl-ispejjez taz-zewg istanza kontra taghha.

**IR-RISPOSTA TAS-SOCJETA' ATTRICI GHAR-RIKORS TAL-APPELL TAL-KONVENUT**

5. Is-socjeta' appellata wiegbet hekk :-

Illi s-socjeta' attrici taghti ruhha b'notifikata bir-rikors promotur tal-konvenut u filwaqt li qed tirrispondi ghalih qed tipprevalixxi ruhha mill-istess appell sabiex tipproponi appell incidentali mis-sentenza appellata.

L-azzjoni attrici hija ntiza sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallasha s-somma ta' Lm1075 dovuti in via ta' rifuzjoni ta' flejjes sborsati fl-interess tal-konvenut u kumpens ghad-danni kawzati mill-konvenut attrici.

George Mifsud in rappresentanza tas-socjeta' attrici kkonferma bil-gurament li l-konvenut applika biex jidhol bhala impjegat maghha u s-

socjeta' accettat li timpjegah u infatti ghamlitlu l-arrangamenti kollha sabiex huwa jitla' l-Olanda ma' rappresentant tas-socjeta' attrici, kif fil-fatt ghamel.  Wara li gew lura mill-Olanda l-konvenut iddecieda li ma jitlaqx mill-impjieg li kellu u li jidhol impjegat mas-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici nefqet is-somma ta' Lm1175 biex tellghet lill-konvenut l-Olanda li minnhom il-konvenut irrifonda is-somma ta' Lm100 u ghalhekk baqghalu jhallas is-somma bilancjali ta' Lm1075 li ghalkemm gie mitlub ihallas baqa' ma ssaldax.

Dawn il-fatti, kif esposti, ma gewx ikkontestati mill-konvenut, hlief ghall-fatt li huwa baqa' kontumaci!  Is-socjeta' attrici taqbel mal-konvenut li, legalment, jidher li huwa qieghed jikkontesta.  Fil-fatt il-verzjoni tieghu tal-fatti, pero', qatt ma ingiebet a konjizzjoni tal-Qorti, stante li avolja il-Qorti taghtu d-dritta sabiex jipprezenta rikors u jiggustifika il-kontumacja tieghu, baqa' ma ghamel xejn.

Il-konvenut jikkontendi illi huwa qatt ma gie formalment impjegat mas-socjeta' attrici u ghalhekk ma jistax jirrizulta ebda ness bejniethom ta' kawzalita' u effett.  Qieghed jghid il-konvenut, li s-socjeta' attrici, meta tellghetu maghha l-Olanda, ghamlet hekk meta kien ghadu impjegat mas-socjeta' Alberta Trading Limited u ghalhekk dan ghamlitu a riskju taghha.

Huwa minnu illi s-socjeta' attrici tellghet lill-konvenut l-Olanda meta kien ghadu impjegat mas-socjeta' Alberta Trading Limited, pero' dan il-fatt, per se', ma jbiddel xejn mill-obbligi tieghu verso s-socjeta' attrici. L-ewel Onorabbli Qorti qablet mas-socjeta' attrici li l-konvenut kien accetta li jidhol jahdem maghha – fi kliem l-istess Qorti

> "Hija moralment konvinta illi huwa minnu illi l-konvenut l-ewwel accetta li jmur jahdem mas-socjeta' attrici u mbaghad rega' bdielu."

Huwa logiku allura li r-ragunament tal-konvenut ma tantx jaghmel sens, bir-rispett kollu, stante li meta l-konvenut accetta jitla' l-Olanda mar-rappresentant tas-socjeta' attrici dan ma ghamlux ghax kien invitat jew ghax ried jiehu diverita izda ghamlu minhabba li huwa kien accetta li kien sejjer jidhol impjegat mas-socjeta' attrici, wara li jittermina l-impjieg tieghu. Altrimenti s-socjeta' attrici x'kien jinteressaha li ttelghu maghha l-Olanda u tinvesti fih 'l fuq minn Lm1000 Maltin. "Tanto pero", kwazi kwazi, bazat fuq is-sottomissjoni tal-konvenut!!.

Is-sottomissjoni tal-konvenut li kieku kien impjegat mas-socjeta' attrici, il-konvenut kien ikollu d-dritt li jittermina l-impjieg tieghu ghax kien ikun ghadu fuq probation ma jbiddel xejn mill-obbligi minnu assunti meta accerta li jimpjega ruhu u jitla' l-Olanda. Kieku kien il-kaz li kien under probation u telaq mill-impjieg tieghu minn mas-socjeta' attrici, din kienet tara xi drittijiet ghandha u certament li kienet li tfittxu ghall-investiment li tkun ghamlet fih u kienet, ghalhekk, tiddeporta ruhha "accordingly".

Kwindi is-sottomissjoni tal-konvenuta bazata fuq il-fatt li l-konvenut ma kienx ghadu gie mpjegat ma jbiddel xejn mill-obbligi tieghu fil-konfront tas-socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici ma ghandhiex ghalfejn turi "xi gwadann jew beneficcju finanzjarju ghamel il-konvenut bis-safra tieghu l-Olanda", kif qed jissottometti l-konvenut. Is-socjeta' attrici trid tipprova biss li b'rizultat tas-safra l-Olanda, bazat fuq il-fatt li din saret ghax il-konvenut accetta li jidhol impjegat mas-socjeta' attrici, u bazat fuq il-fatt li l-konvenut rega' bdielu meta gie lura mill-Olanda, ikkawzalha danni, konsistenti f'dik l-ispiza li altrimenti s-socjeta' attrici ma kienitx tinkorri. Dan huwa l-pern kollu tal-kawza u xejn izjed.

Is-socjeta attrici qatt ma allegat li il-konvenut kien accetta li jhallas ghall-ispejjez li qed titlob f'din il-kawza. Is-socjeta' attrici irnexxielha tipprova li l-konvenut kien accetta li jidhol impjegat maghha, u ghax accetta, s-socjeta' attrici nvestiet fih u tellghetu l-Olanda, u wara li mar u gie lura, huwa rega' bdielu u ddecieda li jibqa' impjegat mal-employer li kellu. Il-konvenut kellu kull dritt li jaghzel li jaghmel li jidhirlu hu, pero' certament mhux a skapitu ta' haddiehor u allura huwa jrid ihallas ghall-agir tiegu u cioe' jikkomensa lis-socjeta' attrici ghad-danni li kkawzalha b'rizultat tal-inadempjenza tieghu.

Jekk l-ispejjez inkorsi mis-socjeta' attrici humiex jew le "tax-deductible", is-socjeta' attrici, dan tarah mal-habib taghna il-Kummissarju tat-Taxxi Interni u ma jinteressa bl-ebda mod lill-konvenut. Bir-ragumanent tal-konvenut, allura, kienu l-ispiza ma hijiex "tax-deductible", allura s-socjeta' attrici jitwildilha d-dritt, f'daqqa wahda, li tfittex lill-konvenut ghad-danni! Le, certament li dan mhux ragunament san u legalment huwa insostenibbli.

Is-socjeta' attrici ghandha dritt li tfittex ghar-risarciment tad-danni ghax gew lilha kawzati b'risultant tal-agir irresponsabbli tal-konvenut li ghazel ibiddel fehmtu meta kien gie marbut u wara li kienu gia gew inkorsi l-ispejjez in kwistjoni.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti, ghalkemm accettat li "jirrizulta wkoll illi ghal dan l-impjieg kien hemm bzonn li l-konvenut isiefer l-Olanda ghal tahrig in konnessjoni ma l-impjieg li kien sejjer ikun ingaggat fih", ma accettatx il-figuri minnha mressqa bhala l-ammont li huwa dovut in via ta' kumpens lis-socjeta' attrici.

L-ewwel Qorti cahdet it-talba attrici ghall-ispejjez li saru in konnessjoni mal-avvizi fil-gazzetti precedentement ghall-ftehim mal-konvenut – dan huwa accettat mis-socjeta' attrici.

L-ewwel Qorti ma accettatx lanqas l-ispiza ghas-sosta ta' rappresentant li saru in konnessjoni mal-avvizi fil-gazzetti precedentement ghall-ftehim mal-konvenut – dan huwa accettat mis-socjeta' attrici.

L-ewwel Qorti ma accettatx lanqas l-ispiza ghas-sosta ta' rappresentant tas-socjeta' attrici. Dan ir-ragunament tal-ewwel Qorti ma jistax jigi accettat. Huwa ovvju li la s-socjeta' attrici tellghet lill-impjegat taghha ghand il-principali taghha, dan ma setax isir in vacuum – kien hemm in-necessita' ovvja li xi hadd irid u ghandu jitla' mieghu sabiex jintroducieh u jassistieh fi kwalsiasi haga li seta' jkollu bzonn fis-sosta tieghu barra minn Malta. Kwindi ma kellha tingieb ebda prova partikolari ghal din in-nefqa ghax tirrizulta awtomatikament. Il-konvenut ma kienx qieghed jaghmel xi viaggio di piacere, meta seta' jmur wahdu.
L-istess jinghad ghat-tielet konsiderazzjoni tal-Qorti. Kieku l-konvenut ma accettax li jimpjega ruhu hadd min-naha tas-socjeta' attrici ma kellu bzonn jitla' l-Olanda ; kien ghax accetta il-konvenut li jidhol impjegat mas-socjeta' attrici li l-vjagg gie necessitat. Allura kif jista' jinghad li l-ispiza taht dan il-kap ma ghandhiex tigi wkoll accettata bhala danni risultanti mit-tibdil tal-hsieb li ghamel il-konvenut?

Ghal dawn il-motivi, s-socjeta' appellata tissottometti bir-rispett illi l-appell intavolat mill-konvenut ghandu jigi micjud u t-talbiet attrici, hlief ghall-ispiza fl-avvizi fil-gazzetti, ghandhom jigu akkolti bl-ispejjez u bl-imghax kontra l-konvenut.

**KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI**

6. Dan l-appell hu dwar azzjoni ta' danni rizultanti minn pretensjoni min-naha tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenut appellant riferibbilment ghal spejjez rinkorsi mis-socjeta' appellata meta hija baghtet lill-konvenut gewwa l-Olanda biex jinghata tahrig u jaghmel kuntatti ancillari bl-iskop li meta jirritorna lura Malta l-istess konvenut jimpjega ruhu maghha.

Mill-provi prodotti, li kif sew ikkummentat l-ewwel Qorti kienu xotti hafna tenut kont ukoll tal-fatt li l-konvenut gie ddikjarat kontumaci jirrizulta li din il-mawra lejn l-Olanda sehhet pero' gara li meta l-konvenut irritorna Malta rega' bdielu u ma baqax izjed interessat li jidhol bhala impjegat tas-socjeta' attrici. Din ta' l-ahhar ghalhekk interpellat lill-konvenut biex ihallasha ammont fis-somma ta' Lm1175.00 kif hemm elenkat fil-prospett immarkat bhala Dok A a fol 4 tal-process, u mnejn jidher li, u hekk ukoll xehed rapprezentant tas-socjeta' attrici, li l-konvenut hallasha Lm100 u xejn iktar. Ghalhekk skond is-socjeta' attrici, il-konvenut ghad fadallu jhallasha l-ammont bilancjali ta' Lm1,075.

L-appellant konvenut sostna u hekk ghadu jsostni – ghax fil-fatt hekk jemergi min-nota li huwa thalla jipprezenta a tenur ta' l-artikolu 158(10) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta f'kazi ta' kontumacja, li hu m'ghandu

jaghti xejn lill-kontroparti. L-aggravju principali tal-konvenut ghas-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti huwa li din naqset milli tikkunsidra sew il-punt li fin-nuqqas ta' ftehim ta' impjieg jew ta' kwalsiasi ftehim iehor vinkolanti bejn il-kontendenti, xejn ma kien dovut minnu ghal dak pretiz mis-socjeta' attrici.

7. Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta li wara li l-ewwel Qorti esprimiet ruhha kategorikament li,

> "….. moralment (hija) konvinta illi huwa minnu illi l-konvenut l-ewwel accetta li jmur jahdem mas-socjeta' attrici u mbaghad rega' bdielu"

ghaddiet imbaghad biex tilqa' l-ewwel talba attrici in kwantu rriteniet il-konvenut responsabbli ghall-ispejjez inkorsi inutilment. Meta l-istess Qorti imbaghad giet biex tikkunsidra t-talbiet konsegwenzjali ghal-likwidazzjoni tad-danni u hlas ta' l-ammont pretiz mill-appellat, spiccat biex finalment m'accettatx l-ammonti kollha li gew elenkati fil-prospett (Dok A) surreferit. Fil-fatt jirrizulta li l-ewwel Qorti, wara li tat ir-ragunijiet taghha, irriduciet is-sorte ghall-ammont ta' tlett mija u hames liri (Lm305) u qasmet il-kap ta' l-ispejjez nofs bin-nofs bejn il-kontendenti.

8. Il-konvenut ghadu tutt'ora jsostni li in assenza ta' ftehim ta' impjieg, xejn ma hu dovut minnu. Skond hu l-ewwel Qorti naqset milli tirrikonoxxi li s-socjeta' appellata "ma stabbilitx relazzjoni guridika ma' l-appellant" u li tali kostatazzjoni kienet temergi mill-provi apparti li

effettivament bil-kontumacja tieghu l-konvenut ma ressaq ebda provi li b'xi mod jikkontradicu dak li ddeponew ix-xhieda prodotti mis-socjeta' appellanti.

Din il-Qorti tikkondividi pjenament dak li gie kkostatat u finalment deciz mill-ewwel Qorti. Fil-fehma taghha, u allura kuntrarjament ghal dak li qieghed isostni l-appellant, biex il-partijiet kontendenti qablu li l-konvenut jitla' a spejjez tas-socjeta' attrici fl-Olanda ghal "course" specjalizzat u bl-intendiment li l-konvenut jimpjega ruhu maghha, xi forma ta' ftehim bejniethom bilfors li kien hemm. Hu minnu li l-ftehim ma kienx wiehed ta' impjeg imma kien hemm ness bizzejjed bejn naha u ohra li taghti lok ghal konnessjoni guridika li seghet twassal u taghti lok ghal certi responsabbilitajiet u konsegwenzi. Is-socjeta' attrici nefqet ammont ta' flus f'passaggi minn Malta ghall-Olanda u lura u spejjez ta' allogg u akkomadazzjoni bi skop dikjarat u specifiku kif fuq inghad. Dan l-iskop ma kienx dak li tinghata xi divertita jew vakanza lill-konvenut. Lanqas kien mehtieg xi ftehim esplicitu dwar x'jigri li kieku – kif fil-fatt gara – l-konvenut kellu jerga' jibdielu. Fil-paragrafi bin-numru 2, 3 u 4 tar-rikors ta' appell tieghu l-konvenut jargumenta zbaljatament li in assenza ta' ftehim espress, hu ma kien soggett ghal ebda forma ta' inadempjenza. Pero' l-konvenut messu jaf li huwa risaput fil-ligi li hadd ma jaghmel xejn ta' xejn, multo magis meta hawn si tratta ta' intrapriza kummercjali. Il-provi juru li s-socjeta' attrici riedet tinvesti flus fit-tahrig tal-konvenut barra l-pajjiz billi dan urieha l-intenzjoni li kien fi hsiebu

jimpjega ruhu maghha malli jirritorna. Darba li l-konvenut rega' bdielu huwa kien legalment tenut responsabbli ghall-konsegwenzi rizultanti minn ghemilu. L-ispejjez reklamati min-naha attrici, avvolja dawn gustament ma gewx milqughin interament mill-ewwel Qorti, kollha kienu jikkonsistu f'danni reali. Kienu spejjez minfuqin jew zborsati mis-socjeta' attrici. L-"inadempjenza" ta' l-appellat konvenut kienet konsegwenza diretta ghall-"bidla" li sehhet min-naha tal-konvenut. Evidentement ghandu jirrizulta li s-socjeta' attrici ddecidiet li tonfoq certu spejjez a favur tal-konvenut in adempiment ta' dak li kien gie miftiehem bejniethom. Darba li l-pjan sfaxxa b'tort imputabbli unikament ghall-agir tal-konvenut, l-istess konvenut irid ibati l-konsegwenzi rizultanti.

9. Dwar il-quantum finalment likwidat mill-ewwel Qorti, jidher li s-socjeta' appellata ma kienitx sodisfatta bil-fatt li t-talba taghha kwantu ghall-ammont reklamat minna gie ridott b'aktar min-nofs. Infatti, fir-risposta taghha ghall-appell tal-konvenut, is-socjeta' appellata ipprevalixxiet ruhha mill-istess appell u interponiet appell incidentali li permezz tieghu resqet ragunijiet biex turi l-ghala certi partiti reklamati minna in linea ta' danni kien messhom gew akkolti mill-ewwel Qorti. Din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi li ressqet is-socjeta' attrici u ma ssib ebda gustifikazzjoni skond il-ligi ghal xi varjazzjoni fl-ammont likwidat ghaliex jidhrilha li dik li l-ewwel Qorti qieset li ghandu realment

jithallas lura mill-konvenut kienu proprju dawk li effettivament ghandhom jigu rimborzati lill-appellanti.

10. Illi ghalhekk, fil-fehma tal-Qorti, kemm l-appell principali u kemm ukoll l-appell incidentali ma jistghux jigu akkolti.

Ghal dawn ir-ragunijiet ;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tikkonferma in toto s-sentenza appellata moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi fil-5 ta' Ottubru 1999, tichad kemm l-appell principali tal-konvenut u kemm ukoll l-appell incidentali tas-socjeta' attrici.

L-ispejjes relattivi ghall-ewwel istanza jibqghu kif gja' decizi mill-ewwel Qorti waqt li l-ispejjes relattivi ghal din l-istanza jithallsu, kwantu ghal dawk konnessi mal-appell principali, mill-konvenut, u kwantu ghal dawk konnessi mal-appell incidentali tas-socjeta' attrici, mill-istess socjeta' attrici.

Dep/Reg

mg